PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8354 — Fox/Sky)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 73/14)

1. Fit-3 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża Twenty-First Century Fox, Inc. ("Fox", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll tal-impriża Sky plc kollha kemm hi ("Sky", ir-Renju Unit) permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Fox: (i) programmi fuq in-netwerk tal-cable, (ii) televiżjoni u (iii) divertiment iffilmjat;

— għal Sky: (i) liċenzjar/akkwist ta' programmazzjoni awdjoviżiva; (ii) provvista bl-ingrossa ta' kanali televiżivi; (iii) bejgħ bl-imnut ta' programmazzjoni awdjoviżiva lill-abbonati; (iv) provvista ta' servizzi ta' pjattaforma teknika lix-xandara fuq il-pjattaformi dirett għad-djar ta' Sky; (v) bejgħ ta' reklamar televiżiv; (vi) provvista ta' servizzi ta' telefonija fissa bl-imnut u servizzi ta' broadband; (vii) provvista ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet ċellulari; u, (viii) provvista ta' aċċess għal hotspots pubbliċi tal-Wi-Fi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8354 — Fox/Sky, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").